# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Tlieta (3) ta' Frar 2022**

**Rikors Numru 401/2017 FDP**

Fl-ismijiet

**Sun Route Hotels Limited (C10271), Grand Hotel Excelsior Ltd (C12837), Sunflower Hotel Co Limited (C10619), Gillieru Harbour Hotel Ltd (C13931), Vivaldi Hotel (Operations) Limited (C24056), Holden Development Company Limited (C109) u Hotel Valentina Ltd (C21495)**

**Vs**

**Edrichton Holidays Limited (C3111)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 8 ta' Mejju 2017, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu s-segwenti:

> *1. Illi l-kumpaniji rikorrenti lkoll joperaw lukandi ewlenin f'pajjiżna filwaqt li l-kumpanija intimata Edrichton Holidays Limited (C3111), fost affarijiet oħra, tordna u tixtri f'isimha mingħand ir-rikorrenti l-akkommodazzjoni fl-istess lukandi għal turisti li jżuru pajjiżna u dan bis-saħħa ta' ftehim imsejjaħ "Agreement for the marketing and use of tourist accommodation" li kull waħda mill-istess kumpaniji rikorrenti kienu ffirmaw mal-kumpanija intimata;*
>
> *2. Illi l-kumpaniji rikorrenti huma lkoll kredituri tal-kumpanija intimata fis-somma komplessiva ta' mitejn u tlettax-il elf, mitejn sitta u għoxrin euro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€213,226.98) rappreżentanti bilanċ li huwa ċert, likwidu u dovut stante illi qabeż is-sittin (60) ġurnata ta' kreditu ai termini tal-ftehim fuq imsemmi;*

*3. Illi b'mod individwali, s-somma fuq imsemmija hija maqsuma kif ġej fost ir-rikorrenti:*

*a. Is-somma ta' €69,191.10 dovuta lil Sun Route Hotels Limited (C10271) eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Hotel Santana (prospett anness u mmarkat bħala Dok A);*

*b. Is-somma ta' €4,901.93 dovuta lil Grand Hotel Excelsior Limited (C12837) eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Grand Hotel Excelsior (prospett anness u mmarkat bħala Dok B);*

*c. Is-somma ta' €8,965.74 dovuta lil Sunflower Hotel Company Limited (C10619) eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Sunflower Hotel (prospett anness u mmarkat bħala Dok C);*

*d. Is-somma ta' €22,279.39 dovuta lil Gillieru Harbour Hotel Ltd (C13931) eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Gillieru Harbour Hotel (prospett anness u mmarkat bħala Dok D);*

*e. Is-somma ta' €27,395.93 dovuta lil Vivaldi Hotel (Operations) Limited (C24056) eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Golden Tulip Vivaldi Hotel (prospett anness u mmarkat bħala Dok E);*

*f. Is-somma ta' €51,449.79 dovuta lil Holden Development Company Limited (C109) eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Ramla Bay Resort (prospett anness u mmarkat bħala Dok F);*

*g. Is-somma ta' €29,043.10 dovuta lil Hotel Valentina Ltd (C21495) eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Valentina Hotel (prospett anness u mmarkat bħala Dok G).*

*4. Illi nonostante illi l-kumpanija intimata ġiet diversi drabi interpellata sabiex tħallas dak kollu dovut minnha lill-kumpaniji rikorrenti inkluż permezz tal-ittra uffiċjali numru 774/2017 ippreżentata fis-27 ta' Frar 2017 (Dok H), din baqgħet inadempjenti.*

*Għaldaqstant, premess is-suespost, il-kumpaniji rikorrenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*1. Tiddikjara illi l-kumpanija intimata hija debitriċi tal-kumpaniji rikorrenti fis-somma komplessiva ta' mitejn u tlettax-il elf, mitejn sitta u għoxrin euro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€213,226.98), u ċioe' €69,191.10 dovuti lil Sun Route Hotels Limited, €4,901.93 dovuti lil Grand Hotel Excelsior Limited, €8,965.74 dovuti lil Sunflower Hotel Company Limited, €22,279.39 dovuti lil Gillieru Harbour Hotel Ltd, €27,395.93 dovuti lil Vivaldi Hotel (Operations) Limited, €51,449.79 dovuti lil Holden Development Company Limited u €29,043.10 dovuta lil Hotel Valentina Ltd, lkoll rappreżentanti bilanċi li huma ċerti, likwidi u dovuti stante illi qabżu s-sittin (60) ġurnata ta' kreditu ai termini tal-*

*ftehim imsejjaħ "Agreement for the marketing and use of tourist accommodation" li kull waħda mill-istess kumpaniji rikorrenti kienu ffirmaw mal-kumpanija intimata;*

*2. Tikkundanna lill-kumpanija intimata tħallas dawn l-ammonti rispettivi lill-kumpaniji rikorrenti bl-imgħaxijiet legali dekoribbli f'kull każ mill-ġurnata li ssegwi s-sittin (60) ġurnata ta' kreditu ta' kull fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena.*

*Bl-ispejjeż kollha inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 774/2017 fuq imsemmija u dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentant kontestwalment ma' dan ir-rikors maħluf.*

*Il-kumpanija intimata hija minn issa nġunta għas-subizzjoni tagħħa.*

2. Rat illi fit-8 ta' Ġunju 2017, s-soċjeta' intimata laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiżi:

   1. *Illi l-azzjoni rikorrenti kif proposta hi nulla w irritwali u dan stante li ma jikkonkorrux l-elementi preskritti fl-Artikolu 161 (3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jippermetti li żewġ rikorrenti jew aktar jistgħu jibdew il-kawża tagħhom permezz ta' rikors ġuramentat bħala azzjoni kollettiva u għalhekk it-talbiet u pretensjonijiet ta' kull wieħed mis-soċjetajiet rikorrenti, mingħajr preġudizzju, messhom saru individwalment u dan kif ser jiġi pruvat waqt il-mori ta' dawn il-proċeduri;*

   2. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, t-talbiet tas-soċjetajiet rikorrenti ma jistgħux jiġu milqugħa u dan stante illi s-soċjetajiet rikorrenti ma talbu l-ebda dikjarazzjoni ta' responsabbilita' tal-soċjeta' konvenuta għall-ħlas in kwistjoni;*

   3. *Illi mingħajr preġudizzju għal fuq eċċepit, fir-rigward tas-soċjetajiet Gillieru Harbour Hotel Limited u Vivaldi Hotel (Operations) Limited l-ammont kif mitlub minnhom mhux dovut u huwa ntempestiv stante li ai termini tal-Artikolu 271 tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta il-kont kurrenti jrid jingħalaq kull sena u mhux mifhum meta u kif ngħalaq il-kont ta' dik is-sena ta' kull wieħed mir-rikorrenti;*

   4. *Illi fil-mertu, mingħajr preġudizzju għas-suespost, ammont sostanzjali mill-istess somom mitluba mis-soċjetajiet rikorrenti mhux dovut stante illi l-istess somom jikkonsistu f'bookings ta' Tour Operator barrani 'Lowcostbeds.com Limited' li falla u, illi kif ġie aċċettat mill-istess soċjetajiet rikorrenti permezz tal-booking vouchers u wkoll minħabba l-portata tal-ftehim ta' Marketing and Use, dawn l-istess bookings ma kellhom qatt jitħallsu mis-soċjeta" konvenuta kif ser jiġi mfisser fid-dettall fil-mori ta' dawn il-proċeduri. Kif ser jiġi pruvat waqt il-mori ta' dawn il- proċeduri kien hemm soċjetajiet rikorrenti minnhom illi kellhom kuntratt/relazzjoni diretta mal-istess Lowcostbeds.com Limited;*

5. *Illi ukoll fil-mertu l-ammonti bilanċjali mhuwiex dovuti lis-soċjetajiet rikorrenti kif qed jiġu mitluba minnhom u dan stante li ma jaqblux mar-rendikont tas-servizzi użati mill-konvenuta kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża u kif destritt aħjar fid-dikjarazzjoni ta' fatti hawn premessi;*

6. *Illi s-soċjeta" konvenuta dejjem opponiet għat-talbiet tas-soċjetajiet rikorrenti permezz ta' ittri uffiċjali kif debitament notifikati (kopji tal-Ittri uffiċjali datati 3 ta' Novembru 2016 u 27 ta' Marzu 2017 u riferti appositi hawn annessi bħala 'Dok E1'.*

*B'riserva għal kwalunkwe eċċezzjoni oħra jew risposti ġuramentati oħra kontra s-soċjetajiet rikorrenti fil-każ illi din l-Onorabbli Qorti tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari jew skont il-Liġi jekk fejn permissibbli.*

*Bl-ispejjeż kollha*

3. Rat ili, permezz ta' deċiżjoni mogħtija minn dina l-Qorti, diversament ippresjeduta, fit-30 ta' Ottubru 2018, l-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta' intimata, ossija illi ma jikkonkorrux l-elementi preskritti fl-Artikolu 161 (3) tal-Kap 12, ġiet miċħuda w it-tkomplija tal-provi fuq il-meritu ġew ordnati.

4. Rat illi fit-2 ta' Novembru 2018, is-soċjeta' intimata talbet sabiex tappella minn tali deċiżjoni, liema talba ġiet finalment respinta fl-14 ta' Marzu 2019, wara illi s-soċjeta' rikorrenti kienu oġġezzjonaw għal tali talba permezz ta' risposta datata 27 ta' Novembru 2018.

5. Rat illi dina l-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-atti fis-7 ta' Ottubru 2019.

6. Rat l-affidavit ta' **George Micallef**, bħala rappreżentant ta' Sun Route Hotels 2 Limited, ġia Sun Route Hotels Limited, Sunflower Hotel Company Limited u Hotel Valentina Limited, ippreżentat fis-6 ta' Novembru 2019 flimkien ma' dokumentazzjoni (fol 210).

7. Rat l-affidavit ta' **Norbert Grixti**, bħala rappreżentant ta' Grand Hotel Excelsior Limited, ippreżentat fis-6 ta' Novembru 2019 flimkien ma' dokumentazzjoni (fol 246).

8. Rat l-affidavit ta' **Stephen Cremona**, bħala rappreżentant ta' Gillieru Harbour Hotel Limited, ippreżentat fis-6 ta' Novembru 2019, flimkien ma' dokumentazzjoni. (fol 273)

9. Rat l-affidavit ta' **Clayton Camilleri**, bħala rappreżentant ta' Vivaldi Hotel (Operations) Ltd, ippreżentat fis-6 ta' Novembru 2019, flimkien ma' dokumentazzjoni. (fol 283)

10. Rat l-affidavit ta' **Martin Farrugia Randon**, bħala rappreżentant ta' Holden Development Company Limited, ippreżentat fis-6 ta' Novembru 2019, flimkien ma' dokumentazzjoni.

11. Semgħet ix-xhieda ta' George Micallef, in eżami u kontro eżami, illi ingħatat fis-6 ta' Novembru 2019 u rat id-dokumentazzjoni minnu ppreżentata (fol 307).

12. Rat illi fis-6 ta' Novembru 2019, is-soċjetajiet rikorrenti iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.

13. Semgħet ix-xhieda ta' **Denise Ellul**, Accounts Supervisor fi ħdan is-soċjeta' intimata, in eżami mogħtija fit-30 ta' Jannar 2020 (fol 326A) flimkien ma' dokumentazzjoni minnha ppreżentata. (fol 327 – 665)

14. Semgħet ix-xhieda ta' **Louis Tabone**, Direttur tas-soċjeta' intimata, in eżami u kontro eżami, mogħtija fit-30 ta' Jannar 2020 (fol 666).

15. Semgħet ix-xhieda in eżami ulterjuri ta' Louis Tabone, in eżami, mogħtija fil-11 ta' Marzu 2020.

16. Rat illi fil-11 ta' Marzu 2020, is-soċjeta' intimata ddikjarat illi ma kellha ebda provi x'tippreżenta.

17. Semgħet ix-xhieda in kontro-eżami ta' Denise Ellul, mogħtija fis-17 ta' Novembru 2020 (fol 687).

18. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' George Micallef, mogħtija fl-4 ta' Frar 2021. (fol 714)

19. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Martin Farrugia Randon, mogħtija fl-4 ta' Frar 2021. (fol 719)

20. Rat illi fit-18 ta' Mejju 2021, il-partijiet għarrfu lill-Qorti illi ma kellhom ebda kontro eżamiijet ulterjuri x'jagħmlu u li għalhekk il-kawża setgħet titħalla għas-sottomissjonijiet finali bil-miktub.

21. Rat is-sottomissjonijiet rikorrenti bil-miktub illi ġew ippreżentati fit-13 ta' Lulju 2021.

22. Rat is-sottomissjonijiet intimati bil-miktub illi ġew ippreżentati fit-23 ta' Novembru 2021.

23. Rat illi fit-23 ta' Novembru 2021, il-kawża giet differita għas-sentenza.

## Ikkunsidrat

24. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi kif prodotti, illi s-soċjetajiet rikorrenti jiġġestixxu l-operazzjoni ta' varji Hotels fil-gżejjer Maltin, u dana kif ġej:

    a. Is-soċjeta' Sun Route 2 Hotels Limited, ġia Sun Route Hotels Limited topera il-**Hotel Santana**

    b. Is-soċjeta' Sunflower Hotel Company Limited topera is-**Sunflower Hotel**

    c. Is-soċjeta' Hotel Valentina Ltd topera il-**Valentina Hotel**

    d. Is-soċjeta' Grand Hotel Excelsior Limited topera il-**Grand Hotel Excelsior**

    e. Is-soċjeta' Gillieru Harbour Hotel Limited topera il-**Gillieru Harbour Hotel**

f. Is-soċjeta' Vivaldi Hotel (Operations) Limited topera il-**Golden Tulip Vivaldi Hotel**

g. Is-soċjeta' Holden Development Company Limited topera il-**Ramla Bay Resort**

25. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi s-soċjeta' intimata hija soċjeta' illi topera fil-qasam turstiku bħala Tourist Operator, u dana ilha tagħmlu għal aktar minn erbgħin sena.

26. Jirriżulta illi, bħala Tour Operator, is-soċjeta' intimata tirċievi bookings minn turisti illi ser jagħmlu btala ġewwa Malta, liema turisti jkunu jixtiequ joqogħdu ġewwa lukanda f'Malta, u sussegwentement, hija tipprenota l-akkomodazzjoni mal-varji lukandi illi magħhom hija tkun daħlet fi ftehim imsejjaħ '*Agreement for the marketing and use of tourist accomodation*'.

27. Jirriżulta illi, bħala Tour Operator, għas-sena 2016 hija daħlet fi ftehim mas-soċjeta' rikorrenti kif ġej:

   a. Fl-4 ta' April 2015 is-soċjeta' intimata daħlet fi ftehim mas-soċjeta' Sun Route Hotels Limited li topera il-**Hotel Santana** għall-perjodu ta' bejn 1 ta' Novembru 2015 u 31 ta' Ottubru 2016. (fol 216)

   b. Fl-4 ta' April 2015 is-soċjeta' intimata daħlet fi ftehim mas-soċjeta' Sunflower Hotel Company Limited li topera il-**Sunflower Hotel** għall-perjodu ta' bejn 1 ta' Novembru 2015 u 31 ta' Ottubru 2016. (fol 218)

   c. Fit-3 ta' Lulju 2015 is-soċjeta' intimata daħlet fi ftehim mas-soċjeta' Hotel Valentina Ltd li topera il-**Valentina Hotel** għall-perjodu ta' bejn 1 ta' Novembru 2015 u 31 ta' Marzu 2016. (fol 220)

   d. Fid-29 ta' Ottubru 2015 is-soċjeta' intimata daħlet fi ftehim mas-soċjeta' Hotel Valentina Ltd li topera il-**Valentina Hotel** għall-perjodu ta' bejn 1 ta' April 2016 u 31 ta' Ottubru 2016. (fol 222)

   e. Fit-3 ta' Lulju 2015 is-soċjeta' intimata daħlet fi ftehim mas-soċjeta' Grand Hotel Excelsior Limited li topera il-**Grand Hotel Excelsior** għall-perjodu ta' bejn 1 ta' Novembru 2015 u 31 ta' Ottubru 2016. (fol 247)

   f. Fit-3 ta' Lulju 2015 is-soċjeta' intimata daħlet fi ftehim mas-soċjeta' Gillieru Harbour Hotel Limited li topera il-**Gillieru Harbour Hotel** għall-perjodu ta' bejn 1 ta' Novembru 2015 u 31 ta' Ottubru 2016. (fol 275)

   g. Fit-30 ta' Ġunju 2015 is-soċjeta' intimata daħlet fi ftehim mas-soċjeta' Vivaldi Hotel (Operations) Limited li topera il-**Golden Tulip Vivaldi Hotel** għall-perjodu ta' bejn 1 ta' Novembru 2015 u 30 ta' April 2016. (fol 285)

   h. Fis-17 ta' Lulju 2015 is-soċjeta' intimata daħlet fi ftehim mas-soċjeta' Vivaldi Hotel (Operations) Limited topera il-**Golden Tulip Vivaldi Hotel** għall-perjodu ta' bejn 1 ta' April 2016 u 31 ta' Ottubru 2016. (fol 287)

i. Fit-8 ta' Ottubru 2015 is-soċjeta' intimata daħlet fi ftehim mas-soċjeta' Holden Development Company Limited topera il-**Ramla Bay Resort** għall-perjodu ta' bejn 1 ta' Mejju 2016 u 31 ta' Ottubru 2016. (fol 296)

28. Jirriżulta illi, abbażi ta' tali 'Agreement for Marketing and use of Accomodation agreement', il-Hotel kienet qiegħda tiftiehem, fl klawsola wieħed (1) tal-"Conditions of Agreement",

> *"to provide and made available for the exclusive use of the Tour Operator, the rooms, facilities meals and other services specified ... during the period and at the prices specified"*

29. Jirriżulta illi, mill-banda l-oħra, is-soċjeta' intimata hija kienet qed tobbliga ruħha, fost affarijiet oħra, fi klawsola erbgħa (4) illi:

> *"the Tour Operator will pay the Owner/Manager for the arrangements in accordance with the terms set out herein and only for those services shown on the booking voucher"*

30. Jirriżulta illi, bħala parti minn tali ftehim, is-soċjeta' intimata kienet assikurata numru ta' kmamar u servizzi varji għal prezz ridott u kienet titħallas kummissjoni għal kull bejgħ illi kienet tagħmel, liema kummissjoni hija kienet tnaqqas mill-pagament finali li kienet tagħmel lil-lukanda relattiva.

## Ikkunsidrat

31. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi s-soċjeta' intimata, fost il-mezzi illi hija kienet tadopera sabiex tbiegħ il-prodotti barra minn Malta, kienet daħlet fi ftehim mas-sit elettroniku www.lowcostbeds.com li, tramite is-sit elettroniku tagħha, kienet tbiegħ l-akkomodazzjoni li s-soċjeta' intimata kienet ottjeniet mingħand il-varji lukandi permezz tal-ftehim fuq imsemmija, u sussegwentement, il-pagament kien jingħadda, tramite s-soċjeta' intimata lill-lukanda relattiva, wara illi l-istess soċjeta' intimata tkun naqqset il-kummissjoni lilha dovuta.

32. Jirriżulta illi dina s-sistema kienet ilha għaddejja għal snin sħaħ, skond il-prassi u ftehim adoperat bejn il-partijiet, mingħajr ebda diffikultajiet fil-ħlasijiet, għajr l-istanzi okkazzjonali fejn kien ikun hemm diffikulta dwar xi booking illi jkun sar, w il-pagament kien isir, parti żgħira minnha bil-quddiem w il-kumplament wara illi s-servizz ikun ingħata.

33. Jirriżulta, madanakollu, illi fil-15 ta' Lulju 2016, is-sit elettroniku www.lowcostbeds.com, falliet, bir-riżultat illi pagamenti illi kienu saru relatati ma servizzi reżi għal 'bookings' li kienu saru mal-varji lukandi mis-soċjeta' intimata tramite is-sit elettroniku www.lowcostbeds.com, baqgħu ma tħallsux.

34. Jirriżulta illi, rinfaċċjati b'talba għall-ħlas da' parte tas-soċjetajiet rikorrenti, bħala operaturi tal-varji lukandi li magħħa s-soċjeta' intimata kienet daħlet fi ftehim ta' '*Agreement for the marketing and use of tourist accomodation*', s-soċjeta' intimata bdiet tinsisti illi ebda somma ma hija dovuta minnha, stante illi hija qatt ma rċeviet il-ħlas mingħand l-operaturi tas-sit www.lowcostbeds.com.

35. Jirriżulta illi, sussegwentement, wara li s-soċjeta' intimata ġiet interpellata sabiex tħallas l-ammonti varji dovuti, hija għamlet referenza għal 'Confirmation Voucher' illi hija kienet tibgħat lill-kull hotel wara li kienet tirċievi l-'booking' mingħand it-turist (vide fol 69), f'liema Voucher is-soċjeta' intimata kienet inkludiet is-segwenti kundizzjoni:

> *By accepting this booking and/or the clients mentioned above the Hotleier, the Property Owner and/or their repreentative/s are confirming that responsibility for settlement of any or all dues for the above accomodation and/or service rests solely with the foreign Tour Operator and not with Edrichton Holidys Ltd. Details available from Edrichton Holidays Ltd.*

36. Jirriżulta illi, abbażi ta' tali kundizzjoni, hija bdiet toġġezzjona illi tagħmel il-pagamenti lis-soċjetajiet rikorrenti għal kull 'booking' illi sar tramite www.lowcostbeds.com, liema oġġezzjoni eventwalment wassal għall-proċeduri odjerni.

## Ikkunsidrat

37. Jirriżulta illi fl-azzjoni odjerna, s-soċjeta' intimata, apparti l-eċċezzjoni preliminari illi ġia ġiet deċiża minn dina l-Qorti diversament ippresjeduta, fit-30 ta' April 2018, qajjmu s-segwenti difiżi:

    a. Li t-talba ma tistax tintlaqa' għax ma ntalbitx dikjarazzjoni ta' responsabbilta';
    b. Li, għar-rigward tas-soċjetajiet Gillieru u Vivaldi, l-azzjoni kienet intempestiva a tenur tal-Artikolu 271 tal-Kap 13;
    c. Illi l-ammonti kienu dovuti mit-Tour Operator barrani www.lowcostbeds.com u mhux minnhom;
    d. Illi ma jaqblux mar-rendikont finali.

38. Ikun għalhekk opportun illi jiġu kkunsidrati l-varji difiżi mqajjma.

### A. Talba ta' kundanna ma tistax tintlaqa' peress li m'hemmx talba għal dikjarazzjoni responsabbilta'

39. Is-soċjeta' intimata, fid-difiża tagħħa, tikkontendi li, la darba ma hemmx talba biex il-Qorti tiddikjara li s-soċjeta' intimata hija responsabbli għall-ħlasijiet, allura l-Qorti ma setgħet qatt tikkundanna lill-istess soċjeta' intimata tħallas kwalsiasi ammont ta' flus.

40. Jirriżulta, madanakollu, illi fis-sottomissjonijiet tagħha, s-soċjeta' intimata konvenjentement għażlet illi ma tgħaddi ebda sottomissjonijiet in konnessjoni għal tali difiża.

41. Di fatti, il-Qorti tosserva, tali difiża hija waħda bla bażi, odjuża u mingħajr ebda fondament legali, intiża unikament sabiex timbarazza lill-konsulenti legali illi rrediġew l-atti oriġinali.

42. Dana qiegħed jingħad, peress illi, l-ewwel u qabel kollox, jirriżulta ċar illi fit-talbiet tagħħom, s-soċjetajiet rikorrenti talbu lill-Qorti sabiex *"Tiddikjara illi l-kumpanija intimata hija debitriċi tal-kumpaniji rikorrenti"*, liema talba, ovvjament tfisser illi l-Qorti ser issib ukoll responsabbilta' da parte ta' l-istess soċjeta' intimata għal tali ħlasijiet.

43. Bħala paragun, il-Qorti tosserva illi meta wieħed jgħid "*ser nagħti lil persuna tazza ilma*", hija ħaġa ovvja illi dak ifisser illi tali persuna ġia għandu fil-pussess tiegħu l-ilma kif ukoll tazza u ser jgħaddi tazza ilma lil persuna oħra – naturalment, jidher illi mhux dejjem dak illi hija ovvju, jista' jkun ovvju għal kulħadd!

44. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża '**Carmelo Cassar noe vs Victor Zammit**', deċiża fit-23 ta' Ġunju 2004,

> *"kwantu għall-aspett li ma ntalbietx dikjarazzjoni għat-terminazzjoni tat-titolu, tajjeb li jiġi notat illi, kif paċifikament akkolt, id-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu meħtieġa biex l-attur jasal għal xi waħda mid-domandi tiegħu m'hemmx bżonn li jsiru fiċ-ċitazzjoni taħt forma ta' domandi."*

45. Għalhekk, tali eċċezzjoni hija waħda bla fondament, sija fattwali kif ukoll legali, w timmerita illi tiġi miċħuda.

## B. L-azzjoni tal-Gillieru u Vivaldi Hotels huma intempestivi a tenur tal-Artikolu 271 tal-Kap 13.

46. Jirriżulta illi, f'difiża oħra mqajjma mis-soċjeta' intimata, hija saħqet illi, abbażi tal-Artikolu 271 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap 13), l-azzjoni tal-lukandi Gillieru u Vivaldi kienu intempestivi peress illi kien għadu ma għalaqx is-sena kurrenti tal-ftehim.

47. L-Artikolu 271 tal-Kap 13 jipprovdi dan li ġej:

> *Fin-nuqqas ta' ftehim xort'oħra, il-kont kurrent jingħalaq kull sena*

48. Is-soċjeta' intimata tikkontendi illi l-azzjoni kienet intempestiva stante illi r-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet kienet ibbażata fuq l-istaġun tax-xitwa u tas-sajf u iċċentrata fuq prinċipju ta' *Early Booking Discount* li eventwalment jingħata a favur tas-soċjeta' intimata, liema skont ma ngħatax.

49. Il-Qorti tosserva illi, a tenur tal-Klawsola 17 tal-"Agreement" li abbażi tiegħu s-soċjeta' intimata ottjeniet is-servizz tal-lukandi,

> *"Invoices raised by the Owner/Manager wil be settled by the Tour Operator within 60 days of presentation"*

50. Il-Qorti tosserva wkoll illi l-azzjoni odjerna ġiet intavolata fit-8 ta' Mejju 2017.

51. Il-Qorti tosserva wkoll illi l-kuntratt tas-servizz reżi kien għall-perjodu ta' servizzi reżi bejn 1 ta' Novembru 2015 u 31 ta' Ottubru 2016.

52. Il-Qorti tosserva wkoll illi s-servizzi reżi u pretiżi mil-lukanda Gillieru seħħew bejn l-14 ta' Marzu 2016 u d-29 ta' Novembru 2016 (fol 12-13) filwaqt illi dawn tal-lukanda Vivaldi seħħew bejn is-27 ta' Lulju 2015 u t-22 ta' Awissu 2016.

53. Jirriżulta ben ċar illi, a differenza ta' dak illi tikkontendi s-soċjeta' intimata, mhux talli ma kienx hemm ftehim dwar ħlas, iża talli l-ħlas kellu jsir fi żmien 60 ġurnata tal-Invoice.

54. Jirriżulta ben ċar, ukoll, illi mhux talli ma skadewx tali sittin ġurnata, iżda talli għaddew aktar minn sitt xhur minn meta ntbagħtet invoice lis-soċjeta' intimata għall-ħlas, kif dikjarat li kienet tkun il-prassi skond George Micallef (fol 211).

55. Jirriżulta, għalhekk, illi l-azzjoni odjerna ma hijiex waħda intempestiva, iżda hija waħda mistħoqqa u dovuta stante illi s-soċjeta' intimata qiegħda toġġezzjona illi tħallas għal ebda raġuni valida.

56. Għalhekk, dina d-difiża mqajjma mis-soċjeta' intimata ma hijiex waħda illi timmerita li tintlaqa'.

## C. Ammont sostanzjali tal-ammont mitlub huwa dovut minn lowcostbeds.com u mhux mis-soċjeta' intimata

57. Jirriżulta illi s-soċjeta' intimata tikkontendi illi hija tipprovdi servizz ta' '*destination management company*' u titħallas permezz ta' commission lilha mħallsa għall-bejgħ ta' kmamar pprovduti lilha mil-lukandi tas-soċjetajiet rikorrenti, u għalhekk għandha titqies li kienet qiegħda topera bħala '*commission agent*', bir-riżultat illi għalhekk hija kellha titqies bħala aġent tas-soċjeta' estera www.lowcostbeds.com u ma għandhiex tintalab tħallas ammonti ta' flus dovuti mill-istess soċjeta' estera www.lowcostbeds.com.

58. Jirriżulta illi, in sostenn ta' tali teżi, s-soċjeta' intimata tagħmel referenza għal dak minnha miktub fil-'Confirmation Voucher' tagħha, fejn tgħid, kif fuq ġia riprodott, illi l-lukanda kienet qiegħda taqbel li ser titħallas mit-Tour Operator u mhux mis-soċjeta' intimata.

59. Is-soċjetajiet rikorrenti, da parte tagħhom, jikkontendu illi huma qatt ma kellhom ebda ftehim mas-soċjeta' www.lowcostbeds.com, peress illi l-unika ftehim illi huma kellhom kien mas-soċjeta' intimata, permezz tal-Agreement, fuq ġia riferiti w iffirmati bejniethom.

60. Il-Qorti tosserva illi argument identiku għal dak imqajjem mis-soċjeta' intimata, tqajjem minnha stess, mingħajr ebda suċċess, fil-kawża 'Dolmen Complex Limited vs Edrichton Holidays Limited', deċiża fl-14 ta' Jannar 2020, kontra s-soċjeta' intimata, u sussegwentement minnha appellata, u li għadha mhux sub judice. Madanakollu, il-Qorti tqis illi jkun opportun illi dak irrilevat minn dik il-Qorti, ppresjeduta mill-Imhallef Anna Felice, tiġi kkunsidrata minn dina l-Qorti.

61. Jirriżulta illi dik il-Qorti kellha dan xi tgħid dwar l-argument imressaq quddiemha li kien identiku għal dak imressaq quddiem dina l-Qorti:

> *Louis Tabone għall-konvenuta jinsisti li r-rwol tas-soċjetà li huwa jirrappreżenta kien ta' kummerċjant kummissjonant (commission agent) iżda din l-allegata relazzjoni bejn il-partijiet minn imkien ma tirriżulta. Huwa indubitat li l-konvenuta kienet tagħmel qliegħ mill-kmamar li tbiegħ lit-turisti imma b'daqshekk ma jfissirx illi hija kienet qiegħda taġixxi ta' kummerċjant kummissjonant tal-attriċi.*
>
> *Ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet hija regolata mill-iskritturi msejħa 'Allocation Agreements' li ġew preżentati fl-atti. Il-konvenuta ma tistax*

*taħrab milli obbligi tagħha bl-iskuża li fuq id-dokument li kienet tibgħat lill-attriċi bħala prenotazzjoni kien ikun hemm miktub li hija mhux responsabbli għall-ħlas, għaliex jibqa' l-prinċipju kardinali skont l-artikolu 992 tal-Kap. 16 li l-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom, pacta sunt servanda. Imbagħad, skont l-artikolu ta' wara, il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi.*

*Bil-fatt illi l-attriċi qatt ma oġġezzjonat dwar x'kien ikun hemm miktub fuq il-confirmation vouchers ma jfissirx illi hija kienet qiegħda taċċetta xi tibdil fil-kundizzjonijiet maqbula bejn il-partijiet jew b'xi mod tirrinunzja għad-drittijiet tagħha. Id-disclaimer in kwistjoni ma huwa xejn ħlief dikjarazzjoni unilaterali tal-konvenuta.*

62. Jirriżulta illi fil-kawża '**Eden Hospitality Limited vs Special Interest Travel Limited et**' deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Settembru 2019, dwar kundizzjoni simili redatta mis-soċjeta' intimata u li abbażi tagħħa qiegħda tikkontendi li www.lowcostbeds.com kellha tħallas hi, l-Qorti tal-Appell kellha dan xi tgħid:

*"Din il-Qorti taqbel ma l-ewwel Qorti li f'kuntratti sinallagmatiċi mhuwiex mogħti lil xi waħda mill-partijiet li tibdel jew tħassar xi patt jew kundizzjoni jekk mhux bil-qbil mal-partijiet l-oħrajn. Ma hemmx dubju li d-'disclaimer' mhuwiex kompatibbli mal-klawsola tal-ftehim li titkellem fuq ir-rabta in solidum dwar il-ħlasijiet. Fit-tielet lok, l-argument ta' SIT li l-appellata kellha dejjem l-għażla u l-jedd li tirrifjuta li taċċetta l-kundizzjoni jfisser li, biex tagħmel hekk u ma tirrinunzjax għall-patti dwar is-solidarjetà, il-ftehim ma jibqax aktar eżegwibbli għaliex in-nuqqas ta' aċċettazzjoni tal-'voucher' kien ikun ifisser li l-għoti tas-servizzi li l-ftehim kien jikkontempla kien jinġab fix-xejn. Tifsira bħal din ta' dik il-kundizzjoni tmur kontra waħda mir-regoli tal-liġi dwar it-tifsir tal-kuntratti."*

63. Jirriżulta wkoll illi f'kawża oħra fl-ismijiet **Vivaldi Hotels Operations Limited vs Intramed Limited** deċiża fid-9 ta' Marzu 2007, il-Qorti tal-Appell kellha dan xi tgħid dwar l-argument li s-soċjeta' intimata kienet 'commission agent':

*Il-posizzjoni li qed tipprospetta s-socjetà konvenuta hija dik ta' mandatarju inkwantu hija ssostni li hi taġixxi għan-nom u fl-interess tat-"tour operators" u bħala tali ma hemmx responsabbilità diretta da parti tagħha għal xi nuqqas tal-istess "tour operator". Iżda din il-Qorti tagħmel referenza għall-provvedimenti tal-Kodiċi Ċivili li jirregolaw l-istitut tal-mandat u senjatament l-Artikolu 1879 li jiddisponi li: "Il-mandatarju, illi jkun għarraf biżżejjed bis-setgħat tiegħu lill-parti li magħha jkun ittratta f'dik il-kwalità, ma jwieħeb għal ebda garanzija dwar dak li jkun għamel barra minn dawk il-limiti, ħlief jekk hu jkun obbliga ruħu huwa nnifsu għaldaqshekk. (sottolinear tal-Qorti).*

*Mill-provi prodotti jidher li fit-trattativi li s-soċjetà konvenuta kellha mas-soċjetà attriċi l-istess soċjetà konvenuta, għall-anqas fil-maġġor parti tat-trattativi ma indikatx li hija kienet qed taġixxi għan-nom u in rappreżentanza*

*ta' persuna ohra, anzi l-ordnijiet kienu jsiru f'isimha u l-invoices kienu jinħarġu f'isimha mingħajr ebda protesta da parti tagħha. Anzi meta fil-"vouchers" li kienu jiġu preżentati lis-soċjetà attriċi kien jissemma' xi "tour operator" dan l-istess dokument kien jispeċifika "Booked and paid by IntraMed Travel Bureau Malta". Jidher għalhekk li s-soċjetà konvenuta, anke jekk seta' kellha arranġamenti ta' "handling agent" mat-tour operators esteri, fatt li ma ġiex pruvat b'mod konklussiv, xorta waħda l-istess soċjetà konvenuta għandha tirrispondi għat-talba attriċi billi qatt ma indikat lill-istess soċjetà attriċi li hija kienet qed tidher għan-nom ta' ħaddieħor u mhux f'isimha b'mod li svijjat lill-istess soċjetà attriċi.*

64. Ikkunsidrat dana it-tagħlim kollu kif fuq riprodott u dan, aktar u aktar, f'ċirkostanzi u argumentazzjoni simili jekk mhux identiċi għal dak illi qed tipprova tagħmel is-soċjeta' intimata, il-Qorti ma għandha ebda dubju illi d-difiża mqajjma mis-soċjeta' intimata hija waħda li ma għandhiex mis-sewwa u ma tistax titqies aċċettabbli minn dina l-Qorti.

65. Jirriżulta, di fatti, illi s-soċjeta' intimata kienet ikkontrattat mas-soċjetajiet rikorrenti sabiex takkwista kmamar bi prezz favorevoli għaliha, liema kmamar l-istess soċjeta' kienet sussegwentement biegħ lill-terzi bi qliegħ, liema qliegħ hija kienet tiddefinixxi bħala 'kummissjoni'.

66. Jirriżulta wkoll illi s-soċjeta' intimata daħlet fi ftehim ma' soċjeta' terza, ossija www.lowcostbeds.com u dana a benefiċċju tas-soċjeta' intimata, liema soċjeta' intimata, sakemm il-bejgħ u ħlasijiet kien qed isir b'mod regolari, qatt ma qajmet xi dubju u kwistjoni dwar il-ħlasijiet illi kienu qed isiru u min kellu jħallashom, liema posizzjoni inbidlet drastikament hekk kif is-soċjeta' intimata ġiet rinfaċċjata b'sitwazzjoni fejn is-soċjeta' li magħha ikkontrattat, www.lowcostbeds.com, kienet falliet u l-istess soċjeta' intimata kienet, għal żmien twil, naqset milli tassikura li tgħaddi l-ħlasijiet dovuti lis-soċjetajiet rikorrenti.

67. Huwa ċar illi s-soċjeta' intimata qiegħda issa tipprova taħrab mill-obbligi kutrattwali minnha assunti billi tipprova tqajjem dubju dwar il-posizzjoni legali tagħha fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti, liema dubju, il-Qorti tisħaq, qatt ma kien hemm u qatt ma kellu jkun mqajjem minn soċjeta' kummerċjali li kellha fiduċja kummerċjali mis-soċjetajiet rikorrenti, liema fiduċja hija palesement kissret u vvjolat sabiex tevita illi tħallas dak illi huwa minnha dovut.

68. Għalhekk, il-Qorti ma għandha ebda dubju illi l-tali eċċezzjoni ma tista' qatt tiġi aċċettata minn dina l-Qorti.

## D. Ir-rendikont għas-servizzi reżi ma huwiex korrett

69. Jirriżulta illi s-soċjetajiet rikorrenti qegħdin jitolbu għal varji somom, dovuti rispettivament għal kmamar minnhom mibjugħa fil-varji lukandi li huma joperaw.

70. Jirriżulta illi tali ammonti huma s-segwenti:

a. Sun Route Hotels Limited (Hotel Santana) - €69,191.10

b. Grand Hotel Excelsion Limited (Grand Hotel Excelsior) - €4,901.93

c. Sunflower Hotel Company Ltd (Sunflower Hotel) - €8,965.74
d. Gillieru Harbour Hotel Ltd (Gillieru Harbour Hotel) - €22,279.39
e. Vivaldi Hotel (Operations) Ltd (Golden Tulip Vivaldi) - €27,279.39
f. Holden Development Co Ltd (Ramla Bay Hotel) - €51,449.79
g. Hotel Valentina Ltd ( Valentina Hotel) - €29,043.10

71. Jirriżulta illi, da parte tagħha, s-soċjeta' intimata tikkontendi illi mill-konteġġi magħmula mis-soċjetajiet rikorrenti, dawna l-konteġġi ma humiex korretti, stante illi ma jinkludux pagamenti illi ġia saru kif ukoll ma jinkludux somom illi hija tikkontendi illi huwa lilha dovut mis-soċjetajiet rikorrenti għas-servizzi reżi abbażi tal-ftehim minnhom iffirmat.

72. Il-Qorti ma tistax ma tibdiex ma tosservax illi, filwaqt li s-soċjeta' intimata tipprova tirripudja l-applikabbilita' tal-ftehim fil-konfront tagħħa fejn jirrigwarda pagamenti minnha pretiżi, mill-banda l-oħra tirrivendika l-applikabbilita tal-ftehim fejn dana jirrigwarda ammonti allegatament dovuti lilha għal Early Booking Discount.

73. Il-Qorti tosserva wkoll illi, fil-proċeduri odjerni, s-soċjeta' intimata ma ressqet ebda kontro talba kontra s-soċjeta' rikorrenti għal kwalsiasi ammont li hija qiegħda tippretendi li huwa dovut lilha għal servizzi minnha reżi.

74. Ikkunsidrat dan, il-Qorti tosserva illi, mill-assjem tal-volum tad-dokumentazzjoni eżebita mis-soċjeta' intimata, illi tinkludi skedi twal minnhom redatti, li jirrigwardaw bookings illi saru da' parte tas-soċjeta' intimata mal-varji lukandi tas-soċjeta' rikorrenti, filwaqt li hemm ħafna indikazzjoni dwar pagamenti minnhom magħmula, l-indikazzjoni ta' pagamenti minnha magħmula, bħal ma hija dik ta' €10,495.69 għal dak illi jirrigwarda Santana Hotel (fol 406), huma attwalment ġia rikonoxxjuti mis-soċjeta' rikorrenti u konsiderati fil-konteġġi finali minnhom milħuqa.

75. Il-Qorti tosserva illi jidher ċar illi l-eżerċizzju ittentat mis-soċjeta' intimata ma hija xejn aktar minn tentattiv sabiex tipprova tnaqqas, b'dokumentazzjoni u pretensjonijet mhux korroborati, l-ammont minnha attwalment dovut, liema dokumentazzjoni, madanakollu, juri biċ-ċar illi l-pretensjonijet tas-soċjeta' intimata huma lkoll skorretti w l-ammonti pretiżi mis-soċjetajiet rikorrenti huma lkoll dovuti.

76. Għalhekk, l-aħħar eċċezzjoni imqajjma mis-soċjeta' intimata ma għandhiex mis-sewwa u timmerita illi tiġi miċħuda.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti kollha ppreżentati u semgħet x-xhieda prodotta quddiemha;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tastjeni** milli tikkunsidra ulterjorment l-ewwel eċċezzjoni, stante illi ġia deċiża fit-30 ta' Ottubru 2018.

**Tiċħad** l-kumplament tal-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' intimata, u għalhekk:

**Tilqa'** t-talbiet kif dedotti u, konsegwentement,

**Tiddikjara** illi s-soċjeta' intimata, Edrichton Holidays Limited, hija responsabbli għall-ħlas tas-segwenti pagamenti:

a. Is-somma ta' disgħa u sittin elf, mija u wieħed u disgħin Euro u għaxar ċenteżmi (€69,191.10) dovuta lil Sun Route Hotels Limited (C10271) eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Hotel Santana kif aħjar deskritt fil-prospett anness u mmarkat bħala Dok A;

b. Is-somma ta' erbat elef, disgħa mija u euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€4,901.93) dovuta lil Grand Hotel Excelsior Limited (C12837) eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Grand Hotel Excelsior kif aħjar deskritt fil-prospett anness u mmarkat bħala Dok B;

c. Is-somma ta' tmint elef, disgħa mija u ħamsa u sittin euro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€8,965.74) dovuta lil Sunflower Hotel Company Limited (C10619) eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Sunflower Hotel kif aħjar deskritt fil-prospett anness u mmarkat bħala Dok C;

d. Is-somma ta' tnejn u għoxrin elf, mitejn u disgħa u sebgħin euro u disgħa u tletin ċenteżmu (€22,279.39) dovuta lil Gillieru Harbour Hotel Ltd (C13931) eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Gillieru Harbour Hotel kif aħjar deskritt fil-prospett anness u mmarkat bħala Dok D;

e. Is-somma ta' sebgħa u għoxrin elf, tlett mija u ħamsa u disgħin Euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€27,395.93) dovuta lil Vivaldi Hotel (Operations) Limited (C24056) eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Golden Tulip Vivaldi Hotel kif aħjar deskritt fil-prospett anness u mmarkat bħala Dok E;

f. Is-somma ta' wieħed u ħamsin elf, erbgħa mija u disgħa u erbgħin Euro, u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€51,449.79) dovuta lil Holden Development Company Limited (C109) eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Ramla Bay Resort kif aħjar deskritt fil-prospett anness u mmarkat bħala Dok F;

g. Is-somma ta' disgħa u għoxrin elf u tlieta u erbgħin Euro u għaxar ċenteżmi (€29,043.10) dovuta lil Hotel Valentina Ltd (C21495) eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Valentina Hotel kif aħjar deskritt fil-prospett anness u mmarkat bħala Dok G.

**Tikkundanna** lis-soċjeta' intimata Edrichton Holidays Limited tħallas:

a. Lis-soċjeta' Sun Route Hotels 2 Limited (C10271), ġia Sun Route Hotels Limited, is-somma ta' **disgħa u sittin elf, mija u wieħed u disgħin Euro u għaxar ċenteżmi (€69,191.10)**;

b. Lis-soċjeta’ Grand Hotel Excelsior Limited (C12837), is-somma ta’ **erbat elef, disgħa mija u euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€4,901.93)**;

c. Lis-soċjeta’ Sunflower Hotel Company Limited (C10619) is-somma ta’ **tmint elef, disgħa mija u ħamsa u sittin euro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€8,965.74)**;

d. Lis-soċjeta’ Gillieru Harbour Hotel Ltd (C13931) is-somma ta’ **tnejn u għoxrin elf, mitejn u disgħa u sebgħin euro u disgħa u tletin ċenteżmu (€22,279.39)**;

e. Lis-soċjeta’ Vivaldi Hotel (Operations) Limited (C24056) is-somma ta’ **sebgħa u għoxrin elf, tlett mija u ħamsa u disgħin Euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€27,395.93)**;

f. Lis-soċjeta’ Holden Development Company Limited (C109) is-somma ta’ **wieħed u ħamsin elf, erbgħa mija u disgħa u erbgħin Euro, u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€51,449.79)**;

g. Lis-soċjeta’ Hotel Valentina Ltd (C21495) is-somma ta’ **disgħa u għoxrin elf u tlieta u erbgħin Euro u għaxar ċenteżmi (€29,043.10).**

**Imgħax** dovut bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) u dekoribbli mid-data tal-preżentata tal-proċeduri odjerni sad-data tal-pagament effettiv.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni jkunu kollha a kariku tas-soċjeta’ intimata.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**